MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 16/2010

**Joseph Schembri**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Joseph Schembri fit-22 ta' Gunju 2010 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jirrevoka d-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u jhassar il-penali minnha imposta fuqu;

Ra d-dokument anness mar-Rikors promotur a fol. 3 tal-process;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghall-appell tar-Rikorrent u titlob li l-istess jigu michud bl-ispejjez kontra tieghu stante li d-decizjoni, ossia penali amministrattiva in kwistjoni, hija legali u gusta u ghalhekk ghandha tigi kkonfermata;

Ra li b'Digriet moghti fit-3 ta' Mejju 2011 ordna korrezzjoni fis-sens illi isem l-Awtorità Intimata jigi indikat "Awtorità ghat-Trasport f'Malta";

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent[1], ta' Chris Muscat[2] u ta' Johan Said[3] ilkoll moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2011, sema' x-xhieda ta' Mario Debono moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2011[4] u sema' x-xhieda ta' SCO 60 Raymond Agius moghtija waqt is-seduti tad-29 ta' Mejju 2012[5] u tad-19 ta'

[1] Fol. 12 u 13 tal-process.
[2] Fol. 14 u 15 tal-process.
[3] Fol. 16 u 17 tal-process.
[4] Fol. 21 tal-process.
[5] Fol. 27 tal-process.

Novembru 2012[6] u ra id-dokument esebit minnu markat Dok. "RA1" a fol. 26 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta l-imposizzjoni da parte ta' l-Awtorità Intimata ta' multa amministrattiva ammontanti ghal €500 stante li fit-23 ta' Mejju 2010 fit-Telgha ta' Alla w Ommu, limiti tan-Naxxar, bil-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni GMY-081 allegatament ghamel *over-loading* u ghabba zewg passiggieri zejda. Ir-Rikorrent jikkontendi li tali multa amministrattiva ma kellhiex tigi imposta fuqu stante li ma huwiex hati tal-kontravenzjoni allegata peress illi kuntrarjament ghall-impressjoni li kellu l-*enforcement officer* koncernat, huwa ma kienx ghabba zewg passigieri ohra minn hdejn Kennedy Grove izda kien semplicement waqaf ikellimhom.

F'tali rigward fir-Rikors promotur ir-Rikorrent jippremetti li *l-fatti huma li l-esponent kien qed isuq il-vettura GMY-081 mill-Qawra fid-direzzjoni tan-Naxxar. Huwa kien se jwassal team tal-football ghall-loghob. F'dak il-mument irrizultatlu wara (minn dak li qallu l-enforcement officer li tah it-ticket) illi dan kien rah u haseb li kellu xi passiggiera zejda. Dan l-enforcement officer segwa lill-appellant u lahqu fit-Telgha ta' Alla w Ommu fil-limiti tan-Naxxar. Meta waqqfu rrizulta illi l-esponent kellu passiggiera kemm suppost skond il-ligi però peress li hdejn Kennedy Grove l-esponent kien waqaf jitkellem ma' zewg players ta' l-istess team li kienu qed jistennew lil haddiehor biex jghaddi ghalihom, l-enforcement officer haseb illi dawn kien nizzilhom l-esponenti u ghalhekk verament kellu over-loading ta' zewg passigiera, però dan ma kienx il-kaz.*

In sostenn ta' dak minnu affermat ir-Rikorrent, oltre li xehed huwa stess, ressaq bhala xhieda lil Chris Muscat, kaxxier fl-Imgarr United Football Club u il-persuna li skond ir-Rikorrent kellu jigbor liz-zewg players minn Kennedy Grove, lil Johan Said, wiehed miz-zewg players in kwistjoni, u lil Mario Debono, ix-xufier li skond ir-Rikorrent fuq talba tieghu kien wassal lil Johan Said u lil player iehor mill-Qawra Palace Hotel sa' Kennedy Grove. Essenzjalment dawn ix-xhieda kollha ddikjaraw li dakinhar tal-kaz in kwistjoni r-Rikorrent ma kienx ghabba fuq il-vann tieghu sittax-il persuna izda kellu biss erbatax-il persuna, eskluz hu, ghaliex iz-zewg players l-ohra kien waslu mill-Qawra Palace Hotel sa' Kennedy Grove ma' Mario Debono, ix-xufier l-iehor habib tar-Rikorrent, u minn Kennedy Grove sal-Hamrun ma' Chris Muscat.

---

[6] Fol. 31 sa' 35 tal-process.

Da parte taghha l-Awtorità Intimata tikkontendi li d-decizjoni taghha hija legali u gusta u timmerita konferma w in sostenn ta' dan ressqet bhala xhud lil SCO 60 Raymond Agius, l-*enforcement officer* li hareg it-*ticket* fil-konfront tar-Rikorrent, illi xehed li meta waqqaf lir-Rikorrent bil-vann tieghu fit-Telgha ta' Alla w Ommu u ghadd kemm kellu nies sab li kien hemm sittax-il passiggier, ossia zewg passiggieri iktar milli seta' jgorr.

Huwa evidenti li r-Rikorrent u x-xhud ta' l-Awtorità Intimata SCO 60 Raymond Agius qed jaghtu versjonijiet totalment differenti ghal xulxin u ghalhekk it-Tribunal ghandu jara min minnhom jirrizulta l-iktar kredibbli u b'hekk gie li ssodisfa l-oneru tal-prova impost fuqu.

Minn ezami akkurat tal-provi prodotti t-Tribunal huwa tal-fehma li dak li realment sehh huwa dak affermat minn SCO 60 Raymond Agius u cioè li *fit-23 ta' Mejju 2010 ghall-habta tad-disgha u kwart ta' filghodu kont fir-roundabout tat-telgha ta' Alla w Ommu fejn tispicca Targa Gap in-Naxxar u hemmhekk waqqaft il-vettura GMY-081 system number 306107 li kienet misjuqa minn Joseph Schembri bit-tag numru 193871 u x'hin ghoddejtlu n-nies li kellu dan kellu sixteen plus one li suppost ikollu fourteen plus one.*

Ghalkemm ma gewx esebiti l-*prime note* ta' dan l-*enforcement officer* it-Tribunal huwa konvint mill-veracità ta' dak minnu affermat ghar-raguni li in kontro-ezami kkonferma dak li kien iddikjara in ezami anzi spjega ulterjorment li huwa kien ra lir-Rikorrent jghabbi tnejn min-nies minn hdejn Kennedy Grove u meta waqqfu fit-Telgha ta' Alla w Ommu u ghaddlu l-passigieri sab illi kien hemm sittax-il passiggier u mhux erbatax-il passiggier kif rikjest mill-Ligi. Apparte minn hekk minkejja d-diversi suggerimenti li sarulu in kontro-ezami li fil-fatt il-kaz sehh b'mod differenti minn kif minnu dikjarat, SCO 60 Raymond Agius ma ittituba bl-ebda mod u baqa' konsistenti u ferm f'dak li qal.

Ghalkemm ir-Rikorrent ressaq diversi xhieda li fl-apparenza kollha jidhru li qed jissosstanzjaw u jikkonfermaw dak minnu allegat, minn dak li jinghad fl-istess xhieda u anke dak li ma jirrizultax mix-xhieda ta' Johan Said, it-Tribunal ma huwiex affattu konvint li dak minnhom dikjarat huwa veritier.

Jibda biex jinghad li x-xenarju kkreat mir-Rikorrent ma jaghmel l-ebda forma ta' sens logiku. Ghalkemm in ezami r-Rikorrent iddikjara li dakinhar tal-kaz Chris Muscat kellu mill-Qawra jitla' l-Mgarr u jerga' jinzel lura l-Qawra biex jigbor zewg players u jwassalhom il-Hamrun ghall-loghoba, b'dan li jaghti ad intendere li ma kienx hemm hin bizzejjed biex isir dan kollu, in kontro-ezami iddikjara li *x'hin qomna ghall-breakfast, Chris Muscat mar l-Imgarr biex jigbor il-blalen u l-gearijiet u l-affarijiet l-ohra li jkollna bzonn matul il-loghoba u kellu jerga' jinzel biex jigbor liz-zewg players li semmejt.* Ir-Rikorrent ma jghidx ezatt x'hin telaq Chris Muscat izda jirrizulta li sal-habta tad-9:15a.m., ossia l-hin li r-Rikorrent inghata t-ticket, dan Chris Muscat kien lahaq irritorna mill-Mgarr, allegatament waqaf Kennedy Grove biex jigbor iz-

zewg players u lahaq lir-Rikorrent fit-Telgha ta' Alla w Ommu appuntu waqt li kien qed jinghata t-ticket. Dan juri li kien hemm altru milli hin bizzejjed biex Chris Muscat jirritorna mill-Mgarr, jigbor il-players mill-Qawra Palace u jasal il-Hamrun qabel il-hin tal-loghoba, liema hin konvenjentement baqa' ferm vag, minghajr il-htiega li jinholoq dan l-arrangament kollu.

Anomalija ohra li tirrizulta mix-xhieda tar-Rikorrent hija s-segwenti: mill-kontro-ezami tieghu jirrizulta li x-xufier tal-Blue Bird Garage wasal il-Qawra Palace biex **inizzel it-turisti** fil-hin li r-Rikorrent kien qed **jghabbi lill-players fuq il-vann**, u dana f'xi hin qabel id-9:15a.m., izda b'xi mod dan ix-xufier irnexxielu jnizzel lit-turisti, jghabbi z-zewg players u jasal Kennedy Grove qabel ir-Rikorrent li jghid li fil-fatt waqaf Kennedy Grove biex ikkonferma liz-zewg players li Chris Muscat kien se jghaddi ghalihom hemm. Huwa fattur ferm interessanti li ghalkemm ir-Rikorrent jikkontendi li waqaf ikellem liz-zewg players Kennedy Grove, Johan Said, wiehed miz-zewg players, ma jaghmel l-ebda accenn ghal dan il-fatt fix-xhieda tieghu. Anomalija ohra li tirrizulta bejn ix-xhieda tar-Rikorrent u ta' Johan Said hi li r-Rikorrent iddikjara li *jien nghid li dan ma kienx minnu* (ossia li kellu sittax-il passiggier fuq il-vann) *u kieku stess ma jistax ikun ghar-raguni li bil-basktijiet li jkollhom zgur ma ndahhalx sittax-il player…* izda Johan Said in kontro-ezami iddikjara li *l-kits ma ngorruhomx ahna izda jingabru minn Chris Muscat qabel il-loghoba. Ahna kull ma jkollna maghna huma s-shin guards u z-zarbun tal-football. Ahna ma jkollniex basktijiet kbar maghna, kull ma jkollna basket li jaghtuna ta' l-Imgarr stess li huwa basket normali. Dawn huma basktijiet tal-football.*

Anke l-mod kif ir-Rikorrent spjega ghalfejn qed jikkontesta l-multa amministrattiva in kwistjoni jpoggi fid-dubju l-kredibilità tieghu. Huwa jghid *jiena dak il-hin m'ghedtlu xejn ghax kont mghaggel, hadt il-multa u kien biss meta wasalt il-ground il-Hamrun li ndunajt li kienet multa ta' €500. Kieku kont naf li ser tigi daqshekk kont nibqa' nistenna lil Chris hemmhekk u x'hin jigi niddiskutu mal-fizzjal biex nuruh li dak li kien qed ighid ma kienx minnu.* It-Tribunal hu tal-fehma li jekk persuna, per di più xufier li ghandu *tag* u li allura jrid joqghod ferm attent ghall-operat tieghu, jigi akkuzat li kkommetta kontravvenzjoni li huwa konvint li ma kkommettiex, kien jibqa' jsostni l-punt tieghu indipendentement mill-*quantum* tal-multa. Apparte minn hekk minn din ix-xhieda tirrizulta kontradizzjoni ohra f'dak allegat mir-Rikorrent. Huwa jghid li *kieku kont naf li ser tigi daqshekk kont nibqa' nistenna lil Chris hemmhekk u x'hin jigi niddiskutu mal-fizzjal biex nuruh li dak li kien qed ighid ma kienx minnu,* izda ftit qabel kien ghadu kemm qal li Chris Muscat kien già lahqu fit-Telgha ta' Alla w Ommu waqt li kien qed jigi mitkellem mill-enforcement officer u allura ma kien hemm assolutament xejn x'jzommu milli jressqu quddiem SCO 60 Raymond Agius biex isostni l-punt tieghu.

Jigi in fine osservat li waqt it-trattazzjoni orali r-Rikorrent jistaqsi ghalfejn SCO 60 Raymond Agius ma waqqfux fil-mument li rah jghabbi liz-zewg passigieri u mhux waqfu iktar 'l quddiem fit-Telgha ta' Alla w Ommu, izda t-

Tribunal jemmen li tali kwezit jekk ghandu jigi wzat biex tigi attakkata l-kredibilità ta' SCO 60 Raymond Agius, messu gie mistqosi lill-istess *enforcement officer* waqt il-kontro-ezami tieghu u mhux jigi ventilat bhala argument waqt it-trattazzjoni finali.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk it-Tribunal iqis li l-appell tar-Rikorrent ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni ta' l-Awtorità Intimata u jikkonferma l-imposizzjoni tal-multa amministrattiva ammontanti ghal €500.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-Rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------